MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Numru. 984/2008

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Manuel Schembri, iben Gaetano, imwieled il-Kanada fl-1 ta' Jannar, 1962
u
Clint Camilleri, iben Emanuel, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru, 1991
u
Reuben Schembri, iben Francis, imwieled Pieta' fit-13 ta' Awwissu, 1983

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fil-11 ta' Ottubru, 2008 għal habta tal-5.15 a.m., ġewwa l-Ħamrun, attakkaw jew għamlu reżistenza bi

vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo u PC1483 Patrick Delia persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti;

2. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi nġurjaw, heddidtu jew għamiltu offiża fuq il-persuna ta' PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo u PC1483 Patrick Delia persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi għamlu offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' PS1141 Noel Tanti u PC960 Pierre Vassallo skond kif iċċertifikaw Dr. Marcell Schembri M.D. u Dr. Satya Brata Das M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;

4. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi għamlu offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Kevin Gatt u Darren Galea skond kif iċċertifikaw Dr. Jeffrey Bonnici M.D. u Dr. Joyce Aquilina M.D. mill-Isptar Mater Dei;

5. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' uniformijiet ta' PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo u PC1483 Patrick Delia għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema ħsara hi ta' aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,164.69;

6. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija waqt li kien jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor indaħal fid-dmirijiet tagħhom;

7. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi hebbew għall-PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo, PC1483 Patrick Delia, Kevin Gatt u Darren Galea sabiex jinġurjawhom, idejjquhom jew jagħmluhom ħsara;

8. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi volontarjament kisru l-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat u ġlied;
9. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi qalu fil-pubbliku kliem indeċenti u oxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;
10. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi bil-ħsieb li jtellfu jew inaqqsu l-ġieh ta' PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo, PC1483 Patrick Delia, Kevin Gatt u Darren Galea weġġgħuhom bi kliem, b'ġesti jew b'mod ieħor;
11. talli fl-istess jum, data, lok u ċirkostanżi mbuttaw lill-imsemmija PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo, PC1483 Patrick Delia, Kevin Gatt u Darren Galea sabiex iweġġgħuhom jew jinsultawhom.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' PS1141 Noel Tanti, PC1052 Brian Tonna, PC1589 Tariq Shaikh, PC960 Pierre Vassallo, PC1483 Patrick Delia, Kevin Gatt u Darren Galea u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' jannar, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' jannar, 2009 fejn l-imputati ħallsu seduta stante s-somma ta' €170 danni kawżati minnhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 95(1), 96(a), 221(1), 325(1)(b), 338(dd)(ee), 339(1)(d)(e)(l) u 252(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma

jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------